# EMIGRAZZJONI LEJN IN-NAXXAR

Sa ftit aktar minn ħamsin sena ilu n-Naxxar kien għadu n-Naxxar ta' missirijietna. Għal mijiet ta' snin, in-Naxxar, bħall-biċċa l-kbira ta' l-ibliet u r-rħula tagħna, ftit li xejn kien ra tibdil. Nies minn barra mir-raħal kienu dawk il-ftit li kienu jiżżewġu ma' xi ħadd min-Naxxar u jiġu joqogħdu fostna. Mill-bqija taħlit ieħor rari ħafna kien iseħħ.

Sakemm ġiet fuqna l-gwerra u sa mill-ewwel jum tal-11 ta' Ġunju 1940, in-Naxxar beda jara kull kwalità ta' nies, ġejjin mill-bliet u rħula l-aktar li setgħu jintlaqtu mill-bombi ta' l-għadu. Ħafna ġew bil-mixi jew b'xi mezz ieħor ta' trasport, mgħobbijin b'li setgħu iġorru, jaraw isibux xi qarib jew jiddubbawx xi kamra fejn ideffsu rashom. In-Naxxarin għenu kemm felħu u l-għadd tan-nies żdied fuq li żdied u n-Naxxar ra l-ewwel bidla tiegħu, imtlew il-Mużewijiet, l-Oratorju, il-knejjes iż-żgħar u l-biċċa l-kbira tad-djar. Din kienet l-ewwel emigrazzjoni lejn in-Naxxar.

Emigrazzjoni oħra, f'għadd żgħir, imma li nħass ukoll, kien fl-1946, meta l-Giżwiti ġew fostna biex jokkupaw il-palazz mogħti lilhom mill-Familja tal-kaptan Robert Mizzi fi Triq il-Markiż Scicluna fejn fetħu n-Novizzjat għall-istudenti li kienu f'għadd ġmielu. Dan ġab miegħu għadd ieħor ta' patrijiet ġejjin u sejrin, kif ukoll ħafna qraba ta' l-istudenti minn kull naħa ta' Malta.

Għadda ż-żmien u naqsu sewwa l-istudenti, bejn ħafna li ma ssoktawx f'dik il-ħajja, kif ukoll oħrajn li kienu jintbagħtu fl-artijiet tal-Missjoni jew fi Djar oħra. Dak il-palazz, biż-żieda kbira tal-bini li tela', wara dankollu, sar kbir ħafna għal dawk li kienu baqgħu. Minn hawn, dawn il-patrijiet ġenerużi ħasbu biex jagħtu nofs il-bini l-ġdid lis-Sorijiet biex fihom jidħlu nies anzjani li jieħdu ħsiebhom, u jżidu l-ħidma tagħhom mad-dar l-oħra li kellhom il-Ħamrun, sorijiet magħrufin bħala l-Little Sisters of the Poor.

Wara snin ta' ħidma qalbiena u ta' għotja ġenerużа, dawn is-Sorijiet, minħabba nuqqas ta' vokazzjonijiet, kellhom iċedu u jżommu biss dik tal-Ħamrun. Imma hawn ukoll indaħlet il-Provvidenza. Dak l-istitut ma kellux jagħlaq u għadu hemm sa llum, imsemmi Dar Sagra Familja, u ħaditu f'idejha l-Azzjoni Kattolika Maltija. Wieħed jista' jimmaġina kemm kiber it-trasport lejn in-Naxxar, u minn anzjani, qrabathom u ħbiebhom, lejn dawn id-Djar imbierka.

Bejn dawn iż-żewġ okkupazzjonijiet ta' Dar Loyola, fin-Naxxar seħħet ġrajja oħra li żiedet mhux ftit l-emigrazzjoni lejh. U din id-darba b'eluf kbar, mhux biss minn Malta u Għawdex, imma saħansitra turisti minn kull naħa tad-dinja. Din il-ġrajja kienet il-Fiera Internazzjonali li bdiet tinżamm kull sena matul l-ewwel ħmistax-il jum ta' Lulju, f'parti kbira mill-Palazzo Parisio, jew kif nafuh fostna l-Palazz taċ-Cisk.

Meta din il-Fiera qabdet sewwa, bdiet issir Fiera speċjalizzata aktar ta' sikwit, hekk li nistgħu ngħidu li n-Naxxar kiber f'għajnejn kulħadd u jissemma' l-ħin kollu minn fuq il-mezzi tax-xandir. Wieħed jista' jimmaġina l-għadd dejjem jikber ta' nies ġejjin u sejrin lejn ir-raħal tagħna.

Imma l-akbar emigrazzjoni u waħda stabbli, saret f'dawn l-aħħar snin f'dak li beda jissejjaħ il-boom tal-bini. Malta kollha mtliet bil-bini ġdid, il-qodma tranġaw u flok bini b'żewġ sulari, tela' bini b'aktar sulari. In-Naxxar ma baqax lura. Hekk kif infetħu ż-żewġ toroq ewlenin fil-pjazza ta' quddiem il-Knisja, Triq il-Labour u Triq il-21 ta' Settembru, il-bini kont tarah tiela', x'aktarx min-Naxxarin stess għall-ewwel, imma l-fatt lin-nies ta' l-ibliet bdiet titħajjar għal aktar arja u minħabba l-mezzi ta' trasport li għamlu minn Malta pajjiż ċkejken, in-Naxxar sar il-mira ta' eluf ta' nies oħra li tħajru jiġu joqogħdu fostna.

Maż-żewġ toroq li semmejna żdiedu oħrajn jaqsmu magħhom u dawn ukoll imtlew bin-nies minn kull naħa ta' Malta. Dik li konna nsibuha bħala l-Ħofra ma baqgħet Ħofra xejn u saret bħala biċċa mill-Misraħ ewlieni. Dawn it-toroq li qed insemmu fetħu toroq oħra lejn in-naħa ta' San Ġwann u l-Ħora ta' Darninu, li ma baqgħetx aktar dik in-naqra ta' pjazza mbegħda mwarrba ħadd ma jaf biha, imma qabdet mat-toroq l-oħra li jieħdu lejn il-Mosta.

L-inħawi li konna nafuhom bħala Salib l-Infetti, bejn in-naħa ta' San Ġwann u Santa Marija tax-Xagħra, inbidlu f'imkien nadif u lussuż bi djar u vilel. U meta nsemmu l-inħawi ta' Santa Marija tax-Xagħra, u nibqgħu sejrin lejn San Pawl tat-Tarġa, irridu ngħidu li hawnhekk bħal inbena raħal ieħor li jibqa' nieżel sa taqbad in-niżla t'Alla u Ommu b'vilel kbar u mill-isbaħ. Min kellu jgħidilhom lil dawk l-erba' sinjuri li kellhom il-vilel għall-kwiet u biex fihom igawdu s-sajf, li kellhom jarawhom imdawrin minn dawk id-djar u l-vilel kollha.

U Birguma ma kinitx ħlief biċċa sqaq wara t-Torri tal-Kaptan u l-Villa ta' Naudi. U llum? Djar, djar u djar u fihom joqogħdu nies li ġew minn kullimkien. Semmejna l-Villa ta' Naudi. Illum din il-villa kwieta sikwit timtela b'mijiet ta' nies billi din saret kumpless sħiħ fejn isiru t-tiġijiet. U la qed insemmu t-tiġijiet għandna wkoll il-Palazz Parisio, taċ-Ċisk, li sikwit ukoll jiġu fih għal xi ċelebrazzjoni. Insemmu wkoll Villa Mdina fi Triq il-Labour, li dejjem miżgħuda bil-mistednin f'okkażjoni ta' tieġ jew xi parti ieħor. Qed insemmu dawn is-swali għax jiena, b'emigrazzjoni lejn in-Naxxar ma rridx nifhem biss l-eluf ta' nies li ġew joqogħdu n-Naxxar, imma wkoll għal dawk l-eluf oħrajn li jżuruna f'okkażjonijiet bħal dawn u li huma ħaġa tas-sena kollha.

Emigrazzjoni oħra lejn in-Naxxar issir fil-festa tal-Vitorja meta eluf ta' barranin jiġu fostna, igawdu magħna l-festi li nagħmlu. U dawn mhux biss Maltin, imma magħhom għadd kbir ta' turisti li jkunu fostna. U mal-festa tal-Vitorja, inżidu l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, li saret waħda mill-ġrajjiet kbar li qed tiġbed folol kbar minn kullimkien.

Tant kiber in-Naxxar u tant żdiedu n-nies li ġew joqogħdu fih, li l-istess ċimiterju li kien inbena fl-1934, kien sar hekk żgħir, li kellu jiżdied bid-doppju ta' li kien qabel. U għadd kbir minn dawn l-oqbra nxtraw min-nies li ġew joqgħodu fostna.

Imma forsi l-ikbar emigrazzjoni lejn in-Naxxar tidher l-aktar fl-inħawi tas-Sgħajtar, fejn qabel ma kienx hemm ħlief għelieqi, u llum bil-bini u t-toroq li fih, inħass il-ħtieġa li ssir zona għaliha, b'saċerdot apposta għall-kura spiritwali tan-nies ta' hemm, ħafna familji għadhom żgħażagħ u wċuħ għal kollox ġodda fin-Naxxar. Aktar minn hekk, qiegħed jinbena ċentru pastorali biex ilaħħaq għall-ħtiġijiet tagħhom, bi knisja u kumditajiet oħra meħtieġa fiż-żminijiet ta' llum.

Biex nagħlaq din il-kitba, nixtieq nitlob skuża lil min l-affarijiet jafhom aħjar minni għax joqgħod fir-raħal stess, u billi wkoll qbadt suġġett ġdid għal kollox u għax jien stess ilni nieqes snin kbar mir-raħal għażiż tagħna n-Naxxar.

**DUN ANTON SCIBERRAS**


the
Wild Thyme
... not just another restaurant






Xemxija Heights, Xemxija
Tel : 582277, 099 7304